VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 305 tal-2015

ATT LI JIMPLIMENTA MIŻURI TAL-ESTIMI (2015)
(KAP. 541)

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI
(*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI)
(KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru għall-Finanzi għall-ħruġ ta' Euro 120,000,000 *Stock* tal-Gvern ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att li jimplimenta Miżuri tal-Estimi (2015), u bl-artikoli 4(1)(a) u 6(1) tal-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), il-Ministru għall-Finanzi ħareġ din id-Direttiva:-

Titolu.

1. It-titolu ta' din id-direttiva hu d-Direttiva mill-Ministru għall-Finanzi għall-ħruġ ta' Euro 120,000,000 *Stock* tal-Gvern ta' Malta.

Ħruġ ta' *Stock*.

2. Għandu jinħareġ ammont ta' Euro 120,000,000 *Stock* tal-Gvern ta' Malta kif ġej:

(a) 2% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2020 (V) *Fungibility Issue*, u

(b) 2.3% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2029 (II) *Fungibility Issue*, jew

(ċ) f'ammonti miż-żewġ *Stocks* fuq imsemmija b'valur nominali flimkien ta' Euro 120,000,000.

Mod tal-ħruġ ta' *Stocks*.

3. Il-ħruġ ta' *Stocks* ser isir kif stipulat fil-prospett.

Policy dwar l-allokazzjoni ta' *Stock*.

4. Kull persuna u, jew enti jistgħu japplikaw għal dawn l-i*Stocks*. It-tqassim tal-i*Stocks* isir kif hemm stabbilit fil-prospett.

Negozju fil-Borża ta' Malta. Kap. 345.

5. (1) Skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, meta dawn l-i*Stocks* jiġu allokati, għandha ssir applikazzjoni sabiex kull *Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u biex ikun negozjat fil-Borża ta' Malta.

(2) Fis-26 ta' Marzu, 2016 wara l-pagament tal-ewwel imgħax, kif muri fl-artikolu 7 (1)(a) u (b), kull ammont allokat skont it-2% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2020 (V) F.I. jiġi integrat mal-ħruġ eżistenti ta' dan l-i*Stock* u wara jitqies bħala *Stock* wieħed.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(3) Fl-24 ta' Jannar, 2016 wara l-pagament tal-ewwel imgħax, kif muri fl-artikolu 7(2)(a) u (b), kull ammont allokat skont it-2.3% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2029 (II) F.I. jiġi integrat mal-ħruġ eżistenti ta' dan l-i*Stock* u wara jitqies bħala *Stock* wieħed.

Somma ta' flus li għandha tinġabar.

6. Is-somma ta' flus li għandha tinġabar bl-i*Stocks* imsemmija flimkien tkun ta' Euro 120,000,000. L-*Accountant General* jirriserva d-dritt li jżid is-somma li għandha tinġabar b'ammont sa massimu ta' Euro 60,000,000.

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

7. (1) L-imgħax bir-rata ta' Euro 1.00 għal kull Euro 100, tat-2% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2020 (V) jitħallas kull sitt xhur b'lura fis-26 ta' Marzu u fis-26 ta' Settembru ta' kull sena sakemm idum l-i*Stock*:

(a) l-ewwel ħlas *pro rata* tal-imgħax fuq l-ammont allokat mill-applikazzjonijiet sottomessi minn membri tal-pubbliku, li jkopri il-perjodu bejn it-12 ta' Ottubru, 2015 u l-25 ta' Marzu, 2016 (iż-żewġ dati inklużi) jsir fis-26 ta' Marzu, 2016;

(b) l-ewwel ħlas *pro rata* tal-imgħax fuq l-ammont allokat mill-applikazzjonijiet b'irkant sottomessi minn investituri istituzzjonali, li jkopri l-perjodu bejn l-14 ta' Ottubru, 2015 u l-25 ta' Marzu, 2016 (iż-żewġ dati inklużi) isir fis-26 ta' Marzu, 2016.

(2) L-imgħax bir-rata ta' Euro 1.15 għal kull Euro 100, tat-2.3% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2029 (II) jitħallas kull sitt xhur b'lura fl-24 ta' Jannar u fl-24 ta' Lulju ta' kull sena sakemm idum l-i*Stock*:

(a) l-ewwel ħlas *pro rata* tal-imgħax fuq l-ammont allokat mill-applikazzjonijiet sottomessi minn membri tal-pubbliku, li jkopri il-perjodu bejn it-12 ta' Ottubru, 2015 u t-23 ta' Jannar, 2016 (iż-żewġ dati inklużi) isir fl-24 ta' Jannar, 2016;

(b) l-ewwel ħlas *pro rata* tal-imgħax fuq l-ammont allokat mill-applikazzjonijiet b'irkant sottomessi minn investituri istituzzjonali, li jkopri il-perjodu bejn l-14 ta' Ottubru, 2015 u t-23 ta' Jannar, 2016 (iż-żewġ dati inklużi) isir fl-24 ta' Jannar, 2016.

Fidwa ta' *Stock*.

8. (1) It-2% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2020 (V) jinfeda b'parità fis-26 ta' Settembru, 2020.

(2) It-2.3% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2029 (II) jinfeda b'parità fl-24 ta' Lulju, 2029.